**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

**2023/0081(COD)**

20.9.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)
(COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Tom Vandenkendelaere(*)

Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Id-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE diġà jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet li jagħtu kuntratti permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku biex jiddependu, minbarra l-prezz jew il-kost, fuq kriterji addizzjonali għall-identifikazzjoni tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. Kriterji bħal dawn jikkonċernaw pereżempju l-kwalità tal-offerta inklużi karatteristiċi soċjali, ambjentali u innovattivi. Meta jagħtu kuntratti għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti permezz ta' akkwist pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jivvalutaw kif xieraq il-kontribut tal-offerti għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fir-rigward ta' serje ta' kriterji relatati mas-sostenibbiltà ambjentali, l-innovazzjoni, l-integrazzjoni tas-sistema tal-offerta u mar-reżiljenza. | (25) Id-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE diġà jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet li jagħtu kuntratti permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku biex jiddependu, minbarra l-prezz jew il-kost, fuq kriterji ***kwalitattivi*** addizzjonali għall-identifikazzjoni tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. Kriterji bħal dawn jikkonċernaw pereżempju l-kwalità tal-offerta inklużi karatteristiċi soċjali, ambjentali u innovattivi. Meta jagħtu kuntratti għal teknoloġiji ***strateġiċi*** b'emissjonijiet żero netti permezz ta' akkwist pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jivvalutaw kif xieraq il-kontribut tal-offerti għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fir-rigward ta' serje ta' kriterji relatati mas-sostenibbiltà ambjentali, l-innovazzjoni, l-integrazzjoni tas-sistema tal-offerta***,*** u mar-reżiljenza***, inkluż is-sigurtà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista. L-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jeħtiġilhom jiżguraw li l-proċeduri jittrattaw lil fornituri stabbiliti fi Stati Membri oħra bl-istess mod bħall-fornituri nazzjonali u jiżguraw li ma jkunx hemm diskriminazzjoni meta jiġu stabbiliti l-kriterji.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Il-kriterji tas-sostenibbiltà soċjali diġà jistgħu jiġu applikati skont il-leġiżlazzjoni eżistenti u jistgħu jinkludu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u n-negozjar kollettiv f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'konformità mal-Artikoli 30(3) tad-Direttiva 2014/23/UE, 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u 36(2) tad-Direttiva 2014/25/UE. ***L-awtoritajiet kontraenti jenħtieġ*** li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà soċjali billi jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti pubbliċi l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi soċjali u tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, mid-dritt nazzjonali, minn ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet ambjentali, tal-liġi soċjali u tax-xogħol internazzjonali elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Anness X tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Anness XIV tad-Direttiva 2014/25/UE[43]. | (26) Il-kriterji tas-sostenibbiltà ***ambjentali,*** soċjali ***u tax-xogħol*** diġà jistgħu jiġu applikati skont il-leġiżlazzjoni eżistenti u jistgħu jinkludu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u n-negozjar kollettiv f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'konformità mal-Artikoli 30(3) tad-Direttiva 2014/23/UE, 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u 36(2) tad-Direttiva 2014/25/UE. ***L-applikazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà u reżiljenza hija mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-awtoritajiet kontraenti*** li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà soċjali billi jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti pubbliċi l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi soċjali u tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, mid-dritt nazzjonali, minn ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet ambjentali, tal-liġi soċjali u tax-xogħol internazzjonali elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Anness X tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Anness XIV tad-Direttiva 2014/25/UE[43]. ***Il-kontribut għas-sostenibbiltà soċjali huwa importanti biex wieħed jimmira għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, programmi ta' apprendistat kwalifikat, paga ugwali għal xogħol ugwali, saħħa u sikurezza okkupazzjonali sodi kif ukoll biex jiġi żgurat biżżejjed xogħol b'ħiliet speċjalizzati kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul.*** |
| [43] L-Avviż tal-Kummissjoni "Ix-Xiri Soċjali - gwida biex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwisti pubbliċi (it-tieni edizzjoni)", C(2021) 3573 final. | [43] L-Avviż tal-Kummissjoni "Ix-Xiri Soċjali - gwida biex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwisti pubbliċi (it-tieni edizzjoni)", C(2021) 3573 final. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għal teknoloġija speċifika, inkluż skont il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli[44] u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u skart ta' batteriji[45], u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fih, meta l-evalwazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali tas-soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero netti akkwistati abbażi ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jqisu diversi elementi b'impatt fuq il-klima u l-ambjent. Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, id-durabbiltà u l-affidabbiltà tas-soluzzjoni; il-faċilità tat-tiswija u l-manutenzjoni; il-faċilità ta' titjib u ta' rinnovazzjoni; il-faċilità u l-kwalità tar-riċiklaġġ; l-użu ta' sustanzi; il-konsum tal-enerġija, tal-ilma u ta' riżorsi oħra fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; il-piż u l-volum tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu; l-inkorporazzjoni ta' komponenti użati; il-kwantità, il-karatteristiċi u d-disponibbiltà ta' oġġetti tal-konsum li huma meħtieġa għall-użu u l-manutenzjoni kif suppost; l-impronta ambjentali tal-prodott u l-impatti ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu; l-impronta tal-karbonju tal-prodott; ir-rilaxx tal-mikroplastik; l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma jew fil-ħamrija rilaxxati fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; l-ammonti ta' skart iġġenerat; il-kundizzjonijiet għall-użu. | (27) Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għal teknoloġija speċifika, inkluż skont il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli[44] u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u skart ta' batteriji[45], u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fih, meta l-evalwazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali tas-soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero netti akkwistati abbażi ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jqisu diversi elementi b'impatt fuq il-klima u l-ambjent. ***Teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti b'impatt ambjentali limitat li jmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni applikabbli jenħtieġ li jiġu ppremjati.*** Dawn ***l-elementi*** jistgħu jinkludu, pereżempju, id-durabbiltà u l-affidabbiltà tas-soluzzjoni; il-faċilità tat-tiswija u l-manutenzjoni; il-faċilità ta' titjib u ta' rinnovazzjoni; il-faċilità u l-kwalità tar-riċiklaġġ; l-użu ta' sustanzi; il-konsum tal-enerġija, tal-ilma u ta' riżorsi oħra fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; il-piż u l-volum tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu; l-inkorporazzjoni ta' komponenti użati; il-kwantità, il-karatteristiċi u d-disponibbiltà ta' oġġetti tal-konsum li huma meħtieġa għall-użu u l-manutenzjoni kif suppost; l-impronta ambjentali tal-prodott u l-impatti ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu; l-impronta tal-karbonju tal-prodott; ir-rilaxx tal-mikroplastik; l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma jew fil-ħamrija rilaxxati fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; l-ammonti ta' skart iġġenerat; il-kundizzjonijiet għall-użu. ***Meta l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-prodotti u l-leġiżlazzjoni sekondarja jkunu qed jistabbilixxu kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, jenħtieġ li dawn il-kriterji jintużaw bħala bażi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 19.2(a).*** |

44 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE, COM/2022/142, 30.03.2022.

45 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020, COM/2020/798 final, 10.12.2020.

44 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE, COM/2022/142, 30.03.2022.

45 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020, COM/2020/798 final, 10.12.2020.

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Sabiex fi ħdan proċedura ta' akkwist pubbliku titqies il-ħtieġa li jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti lil hinn minn sorsi uniċi ta' provvista skont it-tifsira tal-Artikolu 19(2), u mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni, il-provvista jenħtieġ li tal-anqas titqies bħala mhux diversifikata biżżejjed meta sors wieħed jipprovdi għal aktar minn 65 % tad-domanda għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. | (28) Sabiex fi ħdan proċedura ta' akkwist pubbliku titqies il-ħtieġa li jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti lil hinn minn sorsi uniċi ta' provvista skont it-tifsira tal-Artikolu 19(2), ***biex jiġu stabbiliti skemi li jibbenefikaw minnhom l-unitajiet domestiċi jew il-konsumaturi u li jagħtu inċentiv għax-xiri ta' prodotti finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u l-komponenti ewlenin tagħhom,*** u mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni, il-provvista jenħtieġ li tal-anqas titqies bħala mhux diversifikata biżżejjed meta sors wieħed jipprovdi għal aktar minn 65 % tad-domanda għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti ***jew il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***komponenti ewlenin tagħhom*** fl-Unjoni. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28a) Il-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza bl-ebda mod ma għandu jintuża mill-awtoritajiet kontraenti jew mill-entitajiet kontraenti biex jiffavorixxu l-fornituri nazzjonali fuq il-fornituri minn Stati Membri oħra tal-UE. Il-kriterji ta' reżiljenza jenħtieġ li ma jwasslux għal kompetizzjoni inġusta jew għal tfixkil tas-suq intern. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tissorvelja mill-qrib il-funzjonament tajjeb tas-suq intern biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi. Jekk l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jagħmlu użu ħażin minn dawn il-kriterji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra l-passi kollha meħtieġa kontra l-Istat Membru inkwistjoni sabiex tiżgura li dawk il-kriterji japplikaw b'mod ugwali fl-Unjoni kollha.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) ***Għall-finijiet tal-istabbiliment ta' skemi li jkunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi jew għall-konsumaturi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, u mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni, il-provvista*** | (29) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ***tal-kriterji ta' reżiljenza***, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tadotta att ta' implimentazzjoni*** li jipprovdi lista annwali li tibda fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tad-distribuzzjoni tal-oriġini ta' prodotti finali tat-teknoloġiji |

***jenħtieġ li titqies mhux diversifikata biżżejjed meta sors wieħed jipprovdi aktar minn 65 % tad-domanda totali għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni.*** Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tippubblika*** lista annwali li tibda fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tad-distribuzzjoni tal-oriġini ta' prodotti finali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jaqgħu taħt din il-kategorija, imqassma skont is-sehem tal-provvista tal-Unjoni li toriġina minn sorsi differenti fl-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data.

b'emissjonijiet żero netti li jaqgħu taħt din il-kategorija, imqassma skont is-sehem tal-provvista tal-Unjoni li toriġina minn sorsi differenti fl-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data.

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE, approvat b'mod partikolari l-emenda għall-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Akkwisti Pubbliċi (il-"GPA")[46]. L-għan tal-GPA huwa li jistabbilixxi qafas multilaterali ta' drittijiet u obbligi bbilanċjati marbuta mal-kuntratti pubbliċi bil-għan li jinkisbu l-liberalizzazzjoni u l-espansjoni tal-kummerċ dinji. Għal kuntratti koperti mill-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea għall-GPA, kif ukoll minn ftehimiet internazzjonali rilevanti oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni, inklużi l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u l-Artikolu III:8(a) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 għall-akkwist minn aġenziji governattivi ta' prodotti mixtrija bil-ħsieb ta' bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bil-ħsieb li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti għall-bejgħ kummerċjali, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li ma japplikawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 19***(1)***(d) għall- | (30) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE, approvat b'mod partikolari l-emenda għall-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Akkwisti Pubbliċi (il-"GPA")[46]. L-għan tal-GPA huwa li jistabbilixxi qafas multilaterali ta' drittijiet u obbligi bbilanċjati marbuta mal-kuntratti pubbliċi bil-għan li jinkisbu l-liberalizzazzjoni u l-espansjoni tal-kummerċ dinji. Għal kuntratti koperti mill-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea għall-GPA, kif ukoll minn ftehimiet internazzjonali rilevanti oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni, inklużi l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u l-Artikolu III:8(a) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 għall-akkwist minn aġenziji governattivi ta' prodotti mixtrija bil-ħsieb ta' bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bil-ħsieb li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti għall-bejgħ kummerċjali, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li ma japplikawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 19***(2a)***(d) għall- |

| | |
|---|---|
| operaturi ekonomiċi tas-sorsi ta' provvista li huma firmatarji tal-ftehimiet. | operaturi ekonomiċi tas-sorsi ta' provvista li huma firmatarji tal-ftehimiet. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra, fl-att ta' implimentazzjoni, u apparti l-kriterji biex tivvaluta l-kontribut tar-reżiljenza, jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 19(2a)(d) jenħtieġx li japplikaw għall-operaturi ekonomiċi ta' ċerti sorsi ta' provvista li huma firmatarji fil-ftehim ta' Sħubija b'Emissjonijiet Żero Netti.*** |
| [46] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1). | [46] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1). |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reżiljenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku stabbiliti fl-Artikolu 19 jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47], u l-Artikoli 43 u 85 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48], skont il-gwida tal-Kummissjoni tal-2019[49]. Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku jenħtieġ li jkomplu japplikaw għal xogħlijiet, provvisti u servizzi soġġetti għall-Artikolu 19, inkluż l-Artikolu 67(4) tad-Direttiva 2014/24/UE u kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni li tirriżulta mill-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli. | (31) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reżiljenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku stabbiliti fl-Artikolu 19 ***ta' dan ir-Regolament*** jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47], u l-Artikoli 43 u 85 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48], skont il-gwida tal-Kummissjoni tal-2019[49]. Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku jenħtieġ li jkomplu japplikaw għal xogħlijiet, provvisti u servizzi soġġetti għall-Artikolu 19, inkluż l-Artikolu 67(4) tad-Direttiva 2014/24/UE u kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni li tirriżulta mill-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli ***u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-iskart ta' batteriji*.** |

[47] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

[48] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

[49] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Gwida dwar il-parteċipazzjoni ta' offerenti u oġġetti ta' pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist tal-UE, Brussell, 24.7.2019, C(2019) 5494 final.

[47] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

[48] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

[49] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Gwida dwar il-parteċipazzjoni ta' offerenti u oġġetti ta' pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist tal-UE, Brussell, 24.7.2019, C(2019) 5494 final.

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Il-ponderazzjoni tal-kriterji dwar il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-offerta fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistabbilixxu limitu ogħla għall-kriterji relatati mas-sostenibbiltà ambjentali u l-innovazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 41(3) u mal-Premessa 64 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50], mal-Artikolu 67(5) tad-Direttiva 2014/24/UE u mal-Artikolu 82(5) tad-Direttiva 2014/25/UE. | (32) Il-ponderazzjoni tal-kriterji dwar il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-offerta fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistabbilixxu limitu ogħla għall-kriterji relatati mas-sostenibbiltà ambjentali u l-innovazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 41(3) u mal-Premessa 64 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50], mal-Artikolu 67(5) tad-Direttiva 2014/24/UE u mal-Artikolu 82(5) tad-Direttiva 2014/25/UE. ***L-awtoritajiet kontraenti jenħtieġ li jqisu kemm il-kontribut tal-kriterji tas-sostenibbiltà kif ukoll tar-reżiljenza b'mod ibbilanċjat, mingħajr ma jinjoraw lil*** |

| | |
|---|---|
| | ***wieħed jew lil ieħor.*** |
| __________________ | __________________ |
| [50] Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1). | [50] Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1). |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tassisti wkoll lill-Istati Membri fit-tfassil ta' skemi mmirati lejn l-unitajiet domestiċi u l-konsumaturi biex jibnu sinerġiji u jiskambjaw l-aħjar prattiki. Jenħtieġ li l-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti jkollha wkoll rwol importanti fl-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet pubbliċi fil-prattiki tagħhom tal-akkwist pubbliku u tal-bejgħ bl-irkant. ***Din*** jenħtieġ li ***toħroġ gwida*** u ***tidentifika l-aħjar prattiki*** dwar kif għandhom ***jiġu ddefiniti l-kontribut*** u ***l-użu tiegħu, filwaqt li*** tipprovdi eżempji konkreti u speċifiċi. | (37) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tassisti wkoll lill-Istati Membri fit-tfassil ta' skemi mmirati lejn l-unitajiet domestiċi u l-konsumaturi biex jibnu sinerġiji u jiskambjaw l-aħjar prattiki. Jenħtieġ li l-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti jkollha wkoll rwol importanti fl-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet pubbliċi fil-prattiki tagħhom tal-akkwist pubbliku u tal-bejgħ bl-irkant. ***Huwa importanti li kemm l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti kif ukoll il-fornituri jkollhom fehim ċar ta' kull wieħed mill-kriterji ta' sostenibbiltà u reżiljenza. Għalhekk, biex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-kriterji għall-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà, b'attenzjoni partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, kif ukoll għall-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern Ewropew, li jenħtieġ li jkollhom opportunità ġusta li jipparteċipaw fis-suq sostanzjali tal-akkwist pubbliku. Il-koerenza mal-leġiżlazzjoni eżistenti kollha se tkun*** |

***kruċjali. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan l-att ta' implimentazzjoni jiċċara d-derogi kif previst fl-Artikolu 19(4) u kif l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li japplikaw dan fil-prattika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, toħroġ gwida*** dwar kif għandhom ***jintrabtu l-kriterji ta' sostenibbiltà*** u ***reżiljenza mal-leġiżlazzjoni futura. Din il-gwida tista'*** tipprovdi ***wkoll*** eżempji konkreti u speċifiċi ***u l-aħjar prattiki. Sabiex tkun koerenti mal-leġiżlazzjoni futura kollha, il-Kummissjoni jenħtieġ li taġġorna din il-gwida meta l-qafas sottostanti jinbidel u mill-inqas kull sitt xhur.***

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (41) Meta l-investiment privat waħdu ma jkunx biżżejjed**,** l-introduzzjoni effettiva ta' proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti tista' ***teħtieġ*** appoġġ pubbliku fil-forma ta' għajnuna mill-Istat. Għajnuna bħal din irid ikollha effett ta' inċentiv u tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata. Il-linji gwida eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat li dan l-aħħar għaddew minn reviżjoni fil-fond f'konformità mal-objettivi ta' tranżizzjoni doppja jipprovdu possibbiltajiet kbar biex jiġu appoġġati l-investimenti għal proġetti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. L-Istati Membri jista' jkollhom rwol importanti fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għal proġetti ta' manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ***billi jindirizzaw il-fallimenti tas-suq permezz ta' appoġġ immirat għall-*** | (41) ***Huwa biss*** meta l-investiment privat waħdu ma jkunx biżżejjed ***li*** l-introduzzjoni effettiva ta' proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti tista' ***tirrikjedi*** appoġġ pubbliku fil-forma ta' għajnuna mill-Istat. Għajnuna bħal din irid ikollha effett ta' inċentiv u tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata. Il-linji gwida eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat li dan l-aħħar għaddew minn reviżjoni fil-fond f'konformità mal-objettivi ta' tranżizzjoni doppja jipprovdu possibbiltajiet kbar biex jiġu appoġġati l-investimenti għal proġetti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. L-Istati Membri jista' jkollhom rwol importanti fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għal proġetti ta' manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. ***Madankollu, l-Istati Membri għandhom bżonn jikkunsidraw jekk l-*** |

| | |
|---|---|
| ***għajnuna mill-Istat***. Il-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet u t-Tranżizzjoni (TCTF) adottat fid-9 ta' Marzu 2023 għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, immirati lejn dawk is-setturi fejn ġie identifikat riskju ta' delokalizzazzjoni ta' pajjiżi terzi, u proporzjonati f'termini ta' ammonti ta' għajnuna. Dan jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu skemi li jappoġġaw investimenti ġodda f'faċilitajiet ta' produzzjoni f'setturi definiti u strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, ***fosthom permezz*** ta' ***benefiċċji tat-taxxa***. L-ammont ta' għajnuna permess jista' jiġi modulat b'intensitajiet ogħla ta' għajnuna u limiti massimi tal-ammont tal-għajnuna jekk l-investiment ikun jinsab f'żoni assisti, biex ikun jista' jikkontribwixxi għall-għan ta' konverġenza bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Ikun hemm bżonn kundizzjonijiet xierqa biex jiġu vverifikati r-riskji konkreti ta' devjazzjoni tal-investiment barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' rilokazzjoni fiż-ŻEE. Sabiex jiġu mmobilizzati r-riżorsi nazzjonali għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jużaw sehem mid-dħul tal-ETS li l-Istati Membri għandhom jallokaw għal skopijiet relatati mal-klima. | ***għajnuna mill-Istat hijiex verament neċessarja u jekk l-appoġġ pubbliku huwiex jindirizza l-fallimenti tas-suq***. Il-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet u t-Tranżizzjoni (TCTF) adottat fid-9 ta' Marzu 2023 għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, immirati lejn dawk is-setturi fejn ġie identifikat riskju ta' delokalizzazzjoni ta' pajjiżi terzi, u proporzjonati f'termini ta' ammonti ta' għajnuna. Dan jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu skemi li jappoġġaw investimenti ġodda f'faċilitajiet ta' produzzjoni f'setturi definiti u strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, ***li huwa differenti mill-ambitu*** ta' ***dan ir-Regolament***. L-ammont ta' għajnuna permess jista' jiġi modulat b'intensitajiet ogħla ta' għajnuna u limiti massimi tal-ammont tal-għajnuna jekk l-investiment ikun jinsab f'żoni assisti, biex ikun jista' jikkontribwixxi għall-għan ta' konverġenza bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Ikun hemm bżonn kundizzjonijiet xierqa biex jiġu vverifikati r-riskji konkreti ta' devjazzjoni tal-investiment barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' rilokazzjoni fiż-ŻEE. Sabiex jiġu mmobilizzati r-riżorsi nazzjonali għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jużaw sehem mid-dħul tal-ETS li l-Istati Membri għandhom jallokaw għal skopijiet relatati mal-klima. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Anness fi proċedura ta' akkwist pubbliku fuq l-aktar offerta ekonomikament | 1. L-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Anness fi proċedura ta' akkwist pubbliku fuq l-aktar offerta ekonomikament |

| | |
|---|---|
| vantaġġuża, li għandha tinkludi l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità, u li tinkludi mill-inqas il-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, f'konformità mad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, jew 2014/25/UE u l-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli, kif ukoll mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, inkluż il-GPA u ftehimiet internazzjonali oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni. | vantaġġuża, li għandha tinkludi l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità, u li tinkludi mill-inqas il-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, f'konformità mad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, jew 2014/25/UE u l-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli, kif ukoll mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, inkluż il-GPA u ftehimiet internazzjonali oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni. ***L-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-proċess tal-akkwist ikun miftuħ, mhux diskriminatorju u trasparenti, filwaqt li jippermetti l-kompetizzjoni ġusta bejn il-fornituri eliġibbli kollha.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza għandu ***jkun ibbażat fuq*** il-kriterji ***kumulattivi*** li ġejjin li għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji: | 2. Il-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza għandu ***jqis*** il-kriterji li ġejjin li għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji: |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) is-sostenibbiltà ambjentali li ***tmur lil hinn mir-rekwiżiti*** minimi fil-leġiżlazzjoni applikabbli; | (a) is-sostenibbiltà ambjentali***,*** li ***tal-inqas tissodisfa r-rekwiżiti*** minimi fil-leġiżlazzjoni applikabbli ***nazzjonali jew tal-Unjoni jew li tmur lil hinn***; |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fejn ***jeħtieġ li tiġi*** żviluppata soluzzjoni innovattiva, l-impatt u l-kwalità tal-pjan ta' implimentazzjoni, inklużi l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju; | (b) fejn ***tkun*** żviluppata soluzzjoni innovattiva, l-impatt u l-kwalità tal-pjan ta' implimentazzjoni, inklużi l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju; |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***il-kontribut tal-offerta għar-reżiljenza, filwaqt li jitqies il-proporzjon tal-prodotti li joriġinaw minn sors uniku ta' provvista, kif iddeterminat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72], li minnu aktar minn 65 % tal-provvista għal dik it-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni toriġina fl-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-data meta ssir l-offerta.*** | (d) ***imħassar*** |
| ______________ | ______________ |
| [72] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1). | [72] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1). |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-kontribut tal-offerta għar-reżiljenza għandu jqis il-kriterji li ġejjin li għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji:*** |
| | ***il-kontribut tal-offerta għar-reżiljenza, b'enfasi fuq id-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista korrispondenti, is-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni u s-sigurtà tal-provvista. Il-provvista għandha titqies li mhijiex reżiljenti u diversifikata biżżejjed meta sors uniku mhux tal-UE, kif determinat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72], ikun forna fl-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-data aktar minn 65 % tad-domanda totali fl-Unjoni għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti jew tal-komponenti ewlenin għall-produzzjoni ta' dawn it-teknoloġiji. Il-Kummissjoni se tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji skont l-Artikolu 22(2).*** |
| | ***72 Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu piż ta' bejn 15 % u 30 % tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni lill-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, mingħajr | 3. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu piż ta' bejn 15 % u 30 % tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni lill-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza ***filwaqt li*** |

| | |
|---|---|
| preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 41(3) tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 67(5) tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 82(5) tad-Direttiva 2014/25/UE biex tingħata ponderazzjoni ogħla lill-kriterji msemmija fil-paragrafu 2(a) u (b). | ***jqisu l-kontribut kemm għas-sostenibbiltà kif ukoll għar-reżiljenza b'mod bilanċjat***, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 41(3) tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 67(5) tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 82(5) tad-Direttiva 2014/25/UE biex tingħata ponderazzjoni ogħla lill-kriterji msemmija fil-paragrafu 2(a) u (b). |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ***ma għandhomx ikunu obbligati japplikaw il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-kontribut*** tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza meta l-applikazzjoni tagħhom tkun tobbliga lil dik l-awtorità jew entità sabiex takkwista tagħmir li jkollu kostijiet sproporzjonati, jew karatteristiċi tekniċi differenti minn dawk ta' tagħmir eżistenti, li jirriżultaw f'inkompatibbiltà, f'diffikultajiet tekniċi fl-operat u fil-manutenzjoni. Id-differenzi fil-kostijiet ogħla minn 10 % jistgħu jiġu preżunti li huma sproporzjonati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti.Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġu esklużi offerti baxxi b'mod anormali skont l-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/25/UE, u mingħajr preġudizzju għal kriterji oħra għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, inklużi aspetti soċjali skont l-Artikoli 30(3) u 36(1), it-tieni intenzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikoli 18(2) u 67(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikoli 36(2) u 82(2) tad- | 4. ***B'deroga mill-paragrafu 3,*** l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ***jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-kontribut*** tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza meta l-applikazzjoni tagħhom tkun tobbliga ***b'mod ċar*** lil dik l-awtorità jew entità sabiex takkwista tagħmir li jkollu kostijiet sproporzjonati, jew karatteristiċi tekniċi differenti minn dawk ta' tagħmir eżistenti, li jirriżultaw f'inkompatibbiltà, f'diffikultajiet tekniċi fl-operat u fil-manutenzjoni. Id-differenzi fil-kostijiet ogħla minn 10 %***, meta mqabbla ma' offerta mingħajr il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza,*** jistgħu jiġu preżunti li huma sproporzjonati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti.Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġu esklużi offerti baxxi b'mod anormali skont l-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/25/UE, u mingħajr preġudizzju għal kriterji oħra għall-aġġudikazzjoni ***u l-esklużjoni*** ta' kuntratti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, inklużi aspetti soċjali ***u ta' kwalità*** skont l-Artikoli 30(3) u 36(1), it-tieni intenzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikoli 18(2) u 67(2) tad- |

| | |
|---|---|
| Direttiva 2014/24/UE. | Direttiva 2014/24/UE u l-Artikoli 36(2) u 82(2) tad-Direttiva 2014/24/UE. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri ma għandhomx jiddiskriminaw jew jagħtu trattament differenti lil fornituri jew lil prodotti b'emissjonijiet żero netti minn Stat Membru ieħor, abbażi tal-kriterji ta' sostenibbiltà u reżiljenza.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Fejn rilevanti***, il-Kummissjoni għandha ***tipprovdi gwida dwar il-kriterji*** għall-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-prodotti disponibbli koperti mill-forom ta' intervent pubbliku koperti mill-Artikoli 19, 20 u 21. | 1. ***Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***, il-Kummissjoni għandha ***tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-kriterji*** għall-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-prodotti disponibbli koperti mill-forom ta' intervent pubbliku koperti mill-Artikoli 19, 20 u 21***, b'mod koerenti ma' dispożizzjonijiet rilevanti f'leġiżlazzjoni eżistenti oħra, u li jipprovdi regoli dwar kif għandha tapplika d-deroga fl-Artikolu 19(4)***. ***F'dan l-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-prinċipji tal-ftuħ tas-suq, tat-trasparenza u tan-nondiskriminazzjoni fl-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti. Meta tispeċifika l-kriterji ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***sostenibbiltà ambjentali, il-Kummissjoni għandha tqis il-lista mhux eżawrjenti li ġejja: id-durabbiltà u l-affidabbiltà tas-soluzzjoni; il-faċilità u l-isforz ta' tiswija, manutenzjoni, aġġornament u r-rinnovazzjoni; il-faċilità u l-kwalità tar-riċiklaġġ; l-użu ta' sustanzi; l-impronta ambjentali tal-prodott u l-impatti ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu; l-impronta tal-karbonju tal-prodott; ir-rilaxx tal-mikroplastik; l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma jew fil-ħamrija rilaxxati fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; l-ammonti ta' skart iġġenerat.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. F'każ ta' kunflitt bejn il-kriterji differenti ta' għoti u sostenibbiltà stabbiliti skont liġi oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida dwar kif dawk id-dispożizzjonijiet jeżistu flimkien jew jekk meħtieġ liema kriterji jipprevalu. Il-Kummissjoni għandha taġġorna din il-gwida kull sitt xhur.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha ***tagħmel disponibbli*** u taġġorna regolarment lista ta' kull wieħed mill-prodotti finali ta'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Anness, diżaggregati skont is-sehem tal-provvista tal-Unjoni li toriġina | 2. ***Meta tispeċifika l-applikazzjoni tal-kriterji ta' reżiljenza f'konformità mal-Artikolu 19(2a),*** il-Kummissjoni għandha ***tiżviluppa*** u taġġorna regolarment lista ta' kull wieħed mill-prodotti finali ta'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti |

| | |
|---|---|
| minn pajjiżi terzi differenti fl-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-data. | elenkati fl-Anness, diżaggregati skont is-sehem tal-provvista tal-Unjoni li toriġina minn pajjiżi terzi differenti fl-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-data. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Għall-fini tal-Artikolu 19(2a), il-Kummissjoni tista' tqis li l-prodotti magħmula f'pajjiżi terzi, li huma firmatarji fil-ftehim ta' Sħubija Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti, huma ugwali għall-prodotti magħmula fl-Unjoni u li dawn il-prodotti, f'dak il-każ, ma għandhomx jitqiesu għall-kriterji.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha tiddiskuti l-miżuri mwettqa mill-Istati Membri biex jimplimentaw l-Artikoli 19 u 21 u jiskambjaw l-aħjar prattiki, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-użu prattiku tal-kriterji li jiddefinixxu l-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fl-akkwist pubbliku, jew skemi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti. | 3. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha tiddiskuti l-miżuri mwettqa mill-Istati Membri biex jimplimentaw l-Artikoli 19 u 21 u jiskambjaw l-aħjar prattiki ***u l-għarfien***, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-użu prattiku tal-kriterji li jiddefinixxu l-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fl-akkwist pubbliku, jew skemi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti. ***Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida tal-aħjar prattiki għall-proċeduri effettivi ta' akkwist fl-Istati Membri.*** |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) |
| **Referenzi** | COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>8.5.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>8.5.2023 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 15.6.2023 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Tom Vandenkendelaere<br>27.4.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 22.5.2023 28.6.2023 17.7.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 19.9.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 34<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Laura Ballarín Cereza, Alessandra Basso, Brando Benifei, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoş, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, David Cormand, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Andrey Kovatchev, Jean-Lin Lacapelle, Morten Løkkegaard, Beata Mazurek, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Carlo Fidanza, Malte Gallée |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | João Albuquerque |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 34 | + |
|---|---|
| ECR | Carlo Fidanza, Beata Mazurek |
| ID | Alessandra Basso, Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle |
| PPE | Pablo Arias Echeverría, Deirdre Clune, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere |
| Renew | Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoş, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Morten Løkkegaard, Róża Thun und Hohenstein |
| S&D | Alex Agius Saliba, João Albuquerque, Laura Ballarín Cereza, Brando Benifei, Biljana Borzan, Leszek Miller, Christel Schaldemose |
| The Left | Anne-Sophie Pelletier |
| Verts/ALE | Anna Cavazzini, David Cormand, Malte Gallée, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ECR | Eugen Jurzyca |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni